MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Numru. 925/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**

**vs**

**Michael Vassallo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Michael Vassallo ta’ 18-il sena iben Vincent u Emanuela nee’ Gauci imwieled fit-8 ta’ Marzu 1989 u residenti 28, Triq il-Hawlija, Mgarr u detentur tal-karta tal-identita’ numru 122689 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-12 ta’ Settembru 2007, ghall-habta ta’ 6.15 a.m., fi Triq Margaret A. Murray, Naxxar, saq vettura Nru. GBE-907 (1) b’ manjiera traskurata (2) perikoluza (3) u naqas li jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq (4) u aktar b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew

professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuni Victor Stafrace u Jean Claude Stafrace skond kif iccertifikaw Dr. Valerie Anne Fenech M.D. u Dr. G. Busuttil M.D. ta’ S.L.H. rispettivament (5) kif ukoll involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Isabelle Stafrace skond kif iccertifika Dr. N. Sciberras M.D. ta’ S.L.H. (6) u aktar b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsara fuq vettura Nru. IBE-286 ghad-dannu ta’ Victor Stafrace.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Ottubru 2008 (esebit a fol.41 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Frar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti civili kienu bla seat belt u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u li huwa kopert b’polza ta’ assikurazzjoni

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 226 u 328 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ elf ewro (€1000) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista tithallas f’pagamenti rateali u mensili ta’ mija sitta u sittin ewro, sebgha u sittin ewro centezmi (€166.67) b’dan illi jekk l-imputat jonqos milli jeffetwa pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit f’gurnata prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin ewro centezmu (€11.65) dovuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------